# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Gunju, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **66/2020**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**WENNBERG JOHN MIKAEL MATHIAS**
[K.I. NRU. 174786A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Marzu, 2020 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf, disa' mija, seba' u tmenin ewro u disa' centezmi (€1,987.09c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fl-kont bin-numru 40781627, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u kif ukoll l-imghaxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenzi tal-5 ta' Marzu, 2021 (*a fol*. 23) u tat-2 ta' Gunju, 2021 (*a fol*. 24), izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-ahhar hawn imsemmija udjenza.

Fl-imsemmija udjenza tat-2 ta' Gunju, 2021 gie registrat, bil-gurament tar-rapprezentant ta' l-attrici, hekk: "*Seduat stante, wara li t-Tribunal ta l-gurament lil Marianne Camilleri bhala rapprezentant tal-Attrici, l-istess Marianne Camilleri iddikjarat illi s-Socjeta' Attrici ghadha kreditrici tal-Konvenut fl-ammont intier ta' EUR1987.09 u li l-ebda pagament akkont ma sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri da parti tal-Konvenut jew ta' terzi ghan-nom tieghu u li ghaldaqstant, tali ammont ghadu dovut mill-Konvenut. Marianne Camilleri, fil-kwalita' u fil-kapacita' premessa, ikkonfermat bil-gurament taghha d-dokumenti a fol. 2 sa fol. 4 tal-atti processwali.*" Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pertinent in atti li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u mill-assjem taghhom jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' elf, disa' mija, seba' u tmenin ewro u disa' centezmi (€1,987.09c), bl-

imghaxijiet fuq tali ammont bir-rata ta' 8% mit-2 ta' Marzu, 2020 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, hekk kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*